31974R2681

L 288/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 25.10.1974

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 2681/74 TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Ottubru 1974

dwar il-finanzjament tal-Komunità tan-nefqa magħmula fir-rigward tal-provvista ta' prodotti agrikoli bħala għajnuna ta' l-ikel

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikoli 43 u 209 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkonsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-Komunità tagħti għajnuna ta' l-ikel lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jew li jinħakmu minn xi diżastru u tiggarantixxi l-finanzjament tagħhom;

Billi taħt ir-regoli preżenti din in-nefqa hija finanzjata f'diversi modi skond il-prodotti u l-kondizzjonijiet, li jew trid titħallas totalment mit-Titolu 9 (Kapitolu dwar "Nefqa ta' għajnuna ta' l-ikel") ta' l-Estimi Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jew mis-Sezzjoni tal-Garanziji tal-Fond Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija Agrikola, jew parti minn kull wieħed minnhom;

Billi minħabba f'din is-sitwazzjoni huwa impossibbli li tinkiseb stampa ċara ta' l-ispiża tal-politika tas-suq komuni fis-setturi konċernati jew ta' l-ispiża tal-politika ta' l-għajnuna ta' l-ikel; billi, madankollu, tikkomplika t-tmexxija ta' approprjazzjonijiet, minħabba li n-nefqa għandha tiġi mħallsa jew mis-Sezzjoni tal-Garanziji ta' l-E *AAGF* jew mit-Titolu 9 (Kapitolu dwar "Nefqa fl-għajnuna ta' l-ikel") ta' l-estimi, jew parti minn kull wieħed minnhom;

Billi l-kondizzjonijiet tal-finanzjament tal-Komunità tan-nefqa magħmula fil-provvista ta' prodotti agrikoli bħala għajnuna ta' l-ikel għandha tiġi armonizzata fid-diversi setturi u r-regoli preżenti għalhekk emendati;

Billi l-Komunità għandha tiffinanzja l-valur ta' l-oġġetti u n-nefqa fl-istadji varji ta' implimentazzjoni li għalihom hija responsabbli l-Komunità bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-provvisti msemmija, bl-eċċezzjoni ta' xi nefqa amministrattiva effettwata mill-Istati Membri;

Billi n-nefqa li tikkorrespondi għall-ħlasijiet lura għandha tiġi mħallsa mis-Sezzjoni tal-Garanziji ta' l-EAGGF u nefqiet oħra għandhom jiġu mdaħħla taħt it-Titolu 9;

Billi, sabiex tiġi faċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna ta' l-ikel tal-Komunità, huwa mixtieq l-istituzzjoni ta' sistema ta' ħlasijiet bil-quddiem għal nefqa taħt it-Titolu 9 ta' l-estimi, mudellata fuq dak imwaqqaf għall-EAGGF;

Billi għandha ssir dispożizzjoni għall-implimentazzjoni ta' regoli li jridu jiġu preskritti, jekk dan ikun meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Finanzjament tal-Komunità għandu jiġi provdut għal kull nefqa, barra min-nefqa amministrattiva magħmula fir-rigward tal-provvista ta' prodotti agrikoli mill-Komunità bħala għajnuna ta' l-ikel skond ir-Regolamenti tal-Kunsill jew fit-twettieq ta' obbligazzjonijiet li jinħolqu minn konvenzjonijiet jew ftehim konklużi mill-Kunsill, li jaqgħu fuq il-Komunità bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-provvisti msemmija.

Din is-sistema għandha tgħodd għan-nefqa riferita fil-paragrafu preċedenti, effetwata mill-Istati Membri sa mill-1 ta' Jannar 1975.

Artikolu 2

1. Dak il-proporzjoni tan-nefqa li jikkorrespondi għal ħlasijiet lura ta' esportazzjoni ffissati f'dan ir-rigward skond ir-regoli tal-Komunità għandu jitħallas mis-Sezzjoni tal-Garanziji ta' l-EAGGF.

2. In-nefqa riferita f'Artikolu 1, minbarra l-ħlasijiet lura msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun imdaħħla taħt it-Titolu 9 (Kapitolu dwar "Nefqa ta' l-għajnuna ta' l-ikel").

[1] ĠU C 23, tat-8.3.1974, p. 62.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw id-dipartimenti u l-korpi li għandhom is-setgħa li jagħmlu ħlasijiet fir-rigward tan-nefqa riferita f'dan ir-Regolament. Fil-każ li dan ma jkunx diġà seħħ, għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni kemm jista' jkun malajr bl-istatus ta' dawk id-dipartimenti u l-korpi u tar-regoli amministrattivi u ta' konteġġi li taħthom joperaw, u għandhom jibgħatu ta' kull sena kull rapport jew parti minn rapport li jikkonċerna dik in-nefqa mfassal minnhom jew mill-awtoritajiet ta' sorveljanza relevanti.

2. Fir-rigward ta' din in-nefqa l-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta mal-Kumitat riferit f'Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 729/70 [1],

— tagħti ħlasijiet bil-quddiem lill-Istati Membri konċernati, perjodikament u fuq it-talba tagħhom;

— tivverifika l-kontijiet ta' l-Istati Membri fuq il-bażi ta' dokumenti ta' appoġġ mibgħuta minnhom.

Artikolu 4

Id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 8 u 9 tar-Regolament (KEE) Nru 729/70 għandhom jgħoddu għan-nefqa riferita f'dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Ir-regoli għall-implimentazzjoni ta' dan il-Regolament għandhom jiġu adottati, kif meħtieġ, b'mod konformi mal-proċedura preskritta f'Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 729/70.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Kominitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fil-21 ta' Ottubru 1974.

Għall-Kunsill

Il-President

Ch. BONNET

[1] ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13.